TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT 174/18/B

Irene Fenech
Vs
Future Focus Ltd

Illum, 5 t' Ottubru, 2020

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fis-06 ta' Novembru, 2018 li permezz tieghu ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal tikkundanna lill-initmati sabiex ihallsu is-somma ta' sitt mitt Euro (€ 600) rapprezentanti kors ghal LSA illi r-rikorrenti ma setghetx tlesti minhabba informazzjoni hazina moghtija mis-socjeta intimata

Ra illi l-s-socjeta' intimata rrispondiet illi dan l-ammont ma hux dovut stante illi kull student porspettiv jinghata informazzjoni dwar kull kors qabek ma jigu nskritti u peress illi kienet ir-rikorrenti li waqfet mill-kors ghalhekk l-ammont imhallas ma ghndux jigi rifuz

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrenti xehdet quddiem it-Tribunal fejn hija spjegat illi hija applikat ghal kors mas-socjeta intimata ghal LSA. Rikorrenti spjegat illi hija kienet iccekjat mas-socjeta rikorrenti illi l-kors kien filghaxija u giet infurmata illi l-kors kien filghaxijiet bejn 6 pm sa 8 pm u dan peress illi hija kienet tahdem full time. Illi r-rikorrenti tispjega illi l-*entry requirement* kienet biss O'level fl-Ingliz u ghal darb ohra r-rikorrenti vverfikat u giet infurmata illi l-O Level seta' jkun ta' kwalunkwe grade.

Illi r-rikorrenti tispjega illi waqt it-tieni lezzjoni l-istudenti gew infurmati illi kien hemm 360 hours ta' placement go skola. Illi r-rikorrenti tghid illi meta regghet kelmet lis-socjeta initmata dawn infurmawha illi ma hemmx htiega li 360 hours ikunu at a strech pero l-

istess rikorrenti vverifikat mal-Education department huma infurmawha illi placement kellu jkun *'at a stretch'*.

Illi r-rikorrenti tispjega ukoll illi id-Dipartiment tal-Edukazzjoni infurmaha illi sabiex tidhol tahdem bhala LSA hija kienet tehtieg l-O Levels fil-Malti, Maths u suggett iehor (apparti Ingliz) fl-grade minn 5 u ahjar. Illi rikorrenti tispjega illi hija giet infurmata illi minkejja ic-certifikat ta' Future Focus hija xorta ma tkunx tista tigi mpjegata bhala LSA.

Illi s-socjeta' intimata tispjega illi r-rikorrenti kienet batet query dwar il-kors permezz ta' email u hija giet risposta fejn inghata informazzjoni inkluz link b'iktar informazzjoni dwar il-kors. Illi Dr. Diane Busuttil a nom tas-socjeta' intimata xehdet illi r-rikorrenti kienet rrezenjat mill-kors peress illi ma kelliex informazzjoni bizzejjed u peress illi ma kienetx taf fuq l-entry requirements. Illi Dr. Busuttil ipprezentat acceptance letter (immarkata bhaa Dok 'D') li tindika illi r-rikorrenti kellha bizzejjed entry requirement ghal kors imsemmi.

Illi t-Tribunal ghalhekk ghandu jikkunsidra jekk r-rikorrenti kelliex informazzjoni in rigward (a) lezzjonijiet ghall-kors indikat; (b) entry requirements.

Illi t-Tribunal eamina x-xhieda tal-partijiet u d-dokument prodotti inkluz l-informazzjoni mibghuta mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti nhar l-4 ta' Gunju 2018 (ara Dok 'B'). Illi r-rikorrenti sussegwentament nhar 09 ta' Gunju 2018 u ghalhekk wara li rceviet l-istess informazzjoni applikat ghall-kors mas-socjeta intimata (ara Dok'C'). Illi fl-email mibghuta mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti datata 4 ta' Gunju 2018 hemm indikat illi l-kors kien maqsum parti lezzjonjiet u parti placement tant illi huwa indikat: *"You will be required to complete 360 hours of work placement in a child care centre/ kindergarden OR as an LSA*[1]*"* kif ukoll: *"Upon starting the course your lecturer will explain everything to you as regards to work placement etc"*[2]. Illi ghalhekk t-Tribunal jikkunsdra illi r-rikorrenti ma hix gustfikata meta tghid illi socjeta' intimata ma kienetx infurmata bil-placement li Kellu jsir f'childcare cente jew bhala LSA liema palacement ovjament jista jsir biss fil-hinjiet tal-iskola/childcare centre.

Illi t-Tribunal iqis illi gialadarba s-socjeta intimata batet informazzjoni dwar kif ser jkun maqsum il-kors, u sussegwentament r-rikorrenti applikat ghall-istess kors ghalhekk hija accettat dawk il-kundizzjonijiet.

Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jezamina jekk r-rikorrenti nghatax informazzjoni hazina ghal dak li kellu x' jaqsam ma' Entry requirement. Illi mix-xhieda johrog car illi r-rikorrenti vverifikat mas-socjeta' intimata in rigward l-entry requirement

[1] Ara Dok B

[2] Ibid.

tal-Ingliz tant illi l-istess socjeta intimata infurmata illi l-grade seta' jkun any grade. Illi filfatt d-dipartiment tal-Edukazzjoni informa lir-rikorrenti illi sabiex issib xoghol ta' LSA requirements mehtiega (apparti certifikazzjoni tal-kors) huma O Levels fl-Ingliz, Malti, Matematika u suggett iehor fl-grade ta' 5 jew ahjar. Illi s-socjeta initmata tiddefendi tali pretensjoni illi l-entry requirement ghall-kors kienet sodisfatta tant illi r-rikorrenti giet accettata bhala studenta ghall-istess kors.

Illi t-Tribunal jinnota illi fl-email mibghuta lir-rikorrenti nhar 4 ta' Gunju 2018 Imkien ma hemm indikat informazzjoni dwar l-entry requirements. Di piu' ma hemmx spjegat differenza bejn entry requirement ghall-kors u dak li huwa mehtieg sabiex wara l-kors l-istudent isib impjieg. Illi s-scojeta initmata filfatt tqis illi hija kellha l-obbligu li tghati l-infomazzjoni ghall-entry requirement ghall-kors illi hija kienet ser tghati lil istudenti. Dan it-Tribunal jikkonsidra illi din t-tezi ma hix gustifikata u ekwa ghall-istudenti prospettivi.

Illi t-Tribunal jinnota illi is-socjeta' intimata stess titlob informazzjoni lill-applikanti ghal xiex qed japplikaw fl-application form immarkata bhal Dok 'C': "*What do you intend to do after the course? Take further courses <u>to work as an LSA</u>*"[3]. Illi mhux biss izda r-rikorrenti mal-ewwel stharrig li Ghamlet mas-socjeta' initmata indikat illi hija riedet il-kors ghal LSA: "*I need more info regarding lsa course please anything I need to have before applying*"[4]. Illi ghalhekk t-Tribunal jikkunsidra illi s-socjeta' initmata kellha tinforma lir-rikorrenti illi kien hemm Diskrepanza fl-entru requirements ghall-kors u r-*requirements* necessarji sabiex tahdem bhala LSA u dan peress illi filwaqt li huwa minnu illi l-kors in kwistjoni jista jintuza ghal min Ghandu hsieb jahdem f'xi childcare centre (tant illi anke placement tista issir child care centre/ kindergarden jew LSA) pero l-istess kors ma jwassalx ghall-impjieg bhala LSA jekk ma hux akkumpanjat ma kwalifiki ohra tal-O Levels. Illi s-socjeta intimata kienet konxja bil-hsieb tar-rikorrenti illi taghmel il-kors sabiex tkun tista tahdem bhala LSA u mhux go xi child care centre u ghalhekk kellhom l-oobligu li jinfurmaw lill-konsumatur b'tali diskrepanza tar-requirements.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal iqis illi kien l-obbligu tas-socjeta' initmata illi jifurmaw lir-rikorrenti illi kienet tehtieg diversi O Levels minn grad 5 jew ahjar sabiex tahdem bhala LSA u dan in vista ukoll illi l-istess socjeta' intimata nnfisiha kienet talbet ghall-informazzjoni ghal xiex l-applikant kien qed japplika ghal tali kors u b'hekk kienet konxja bil-fatt illi r-rikorrenti kienet intenzjonata li issib impjieg bhala LSA, li bil-kwalifiki taghha fil-mument tal-applikazzjoni zgur li ma kienetx tikwalifika.

Fic-cirkostanzi r-rikorrenti ghandha tinghata lura refuzjoni tad-depozitu minnha imhallas.

[3] Ara Dok 'C'
[4] Ara Dok 'A'

DECIDE

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitt mitt Euro (€600).

Kull parti thallas l-ispejjez taghha ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati.

Avv. Paul Borg
Arbitru